# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 95/2014**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Grech**

iben Alfred , imwieled Pieta', fl-14 ta' Frar, 1978, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 111778(M)

Illum, 7 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Grech quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Gunju, 2008 u fix-xahrejn ta' qabel:

a) Ikkoltiva l-pjanta *Cannabis* bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu**.

c) B'hekk irrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija minn Qorti tal-Magistrati ta' Malta il-Magistrat Dr. A.J. Vella LL.D nhar is-27 ta' Ottubru, 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-l-artikoli 8(c)(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kkundannatu ghal perijodu ta'disa' xhur prigunerija u multa ta' elf ewro (€1000).

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lil hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €265.41 u dana in konnessjoni mall-ispejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Grechipprezentat fil-11 ta' Marzu, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha, prevja jekk hemm bzonn ir-riferenza mitluba, tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Kif jidher mis-sentenza il-pern tad-decizjoni kien minhabba l-istqarrija.

Daqstant iehor m'hemmx dubju li fl-istqarrija ma nghata l-ebda opportunita ghal dritt ghall-avukat.

Illi ghalhekk tali dikjarazzjoni ma kinitx utilizzabbli mill-Qorti bhala prova ghaliex kienet tkun qed tinkorri, kif fil-fatt gara, f'unfair trial.

Wiehed ma jistax jistrieh fuq id-decizjonijiet li nghataw mill-Qorti Kostituzzjonali Maltija fejn dahal il-kuncett illi l-assistenza legali hija mehtiega u indispensabbli meta ikun hemm persuna "vulnerabbli". Fil-kazijiet l-ohra dan id-dritt ma japplikax u l-aktar sentenza li tigi kkwotata f'dan is-sens huwa Charles Muscat vs. Avukat Generali.

Illi bir-rispett kollu lejn il-Qorti Kostituzzjonali Maltija, din l-interpretazzjoni tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li huwa parti mil-Legislazzjoni Maltija fil-Kap 319 hija zbaljata u mhux konformi ma' dak li tiddeciedi l-Qorti Ewropea.

Wara s-sentenza Salduz, il-Qorti Ewropea irribadiet diversi drabi illi l-assistenza legali tinghata lil kulhadd ghaliex kulhadd huwa f'dak il-mument vulnerabbli. Qed issir riferenza ghas-sentenzi: Hikmet Yilmaz v Turkey (4 ta' Gunju,2013) - fejn ir-rikorrent kien ta' 40 sena, Fazli Kaya v Turkey (17 ta' Settembru, 2013) fejn ir- rikorrenti kellu 41 sena u kien hemm provi ohra kontra tieghu) Navone et vs. Monaco (24/10/2013) li kellhom karozza bi pjanci foloz, instabu f'pussess ta' oggetti misruqa, u harbu minn fuq il-post u ghalhekk kontrihom ma kienx hemm biss l-istatement taghhom.

In vista ta' din il-gurisprudenza, l-esponenti jitlob li ssir riferenza lill-Qorti Kostituzzjonali li l-istqarrija minnu rilaxxjata mhix utilizzabbli, ghax tivvjola l-ligi u tirrendi l-proceduri f'unfair trial.

**Dwar l-univocita'.**

Eskluza d-dikjarazzjoni tal-imputat, ma hemmx univocita' illi l-affarijiet, kemm il-hwejjegu kemm il-flat u kemm ix-xtieli kienu tieghu.

Hawnhekk hija awla tal-provi u dik il-prova trid iggibha l-prosekuzzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt ta' l-istqarrija li fil-fehma tieghu m'ghandhiex tinghata ebda piz billi ttiehedet minghajr il-prezenza tal-avukat. Din il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni u m'ghandhiex ghalfejn tiddilunga fuqha billi llum hu assodat bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Krimnali fl-ismijiet: "The Republic of Malta v. Chukwudi Samuel Onyeabor" tal-1 ta' Dicembru, 2016 li tali stqarrija ghandha tigi sfilzata mill-atti.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni ghandu jkun hemm valutazzjoni tal-provi l-ohra migbura. F'dan il-kaz ma hemm ebda dubju li l-appellant kien fil-pussess tal-fond fejn instabu z-zewg pjanti tal-cannabis. Mill-provi jirrizulta li l-pulizija rawh hiereg mill-fond in kwistjoni fejn sabu l-pjanti u ma kien hemm ebda persuna ohra hemmhekk.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti hemm dubji serji jekk verament l-appellant kellhux intenzjoni li eventwalment jittraffika dawn il-pjanti. Tant hu hekk li mill-ezami foorensici jirrizulta li meta

gew analizzati l-pjanti r-ricavat kien ta' 7.09 grammi. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant ghandu biss jirrispondi ghal pussess semplici ta' din id-droga.

Illi dwar l-akkuza ta' recidiva din il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ma gietx pruvata skont il-ligi.

Ghaldaqtant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa' l-appell ta' Joseph Grech. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehilsu minn kull htija u piena. Issibu hati ta' pussess semplici. Ghalhekk, tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.